MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tas-7 ta' Frar, 2007

Numru 101/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Therese Sciberras)**

**vs**

**Carmel Abela**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Carmel Abela ta' 60 sena, mwieled 21/07/1944 Valletta iben Domenic Abela u Virginia nee Xiberras u residenti fi 339 St Rita, Triq l-Imdina, Qormi detentur tal-karta ta' l-identita` numru 620544M gie akkuzat talli, f'dawn il-gzejjer, nhar il-25/11/2004 f'Bugibba ghall-habta tas-siegha ta' wara nofsinhar volontarjament ghamel hsarat li tammonta ghall-

madwar Lm73.88 fil-bieb ta’ Marica Flats, number 8, Triq Gulju, San Pawl il-Bahar Bugibba, u dan ghad-dannu ta’ terzi.

U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi hebb kontra l-persuna ta’ Mary Abela u kkagunalha griehi hfief skond ma ccertifika Dr A Formosa MD tal-Mosta Health Centre.

U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi ingurja jew hedded lil Mary Abela.

U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi kiser obbligazzjoni ghas-sigurta` ta’ persuna mahruga mill-Qorti tal-Magistrati fil-08/01/2004 li kienet fis-sehh ghall-sena.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. TS 3 u nnutat li l-imputat Carmel Abela m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fis-seduta ta’ llum iddikjara li qieghed jammetti l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 325(1)(b), 339(1)(d), 221(1), 222(1)(a), 339(1)(e) u 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Carmel Abela, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l- fedina penali tal-imputat u l-fatt li fid-deposizzjoni ta’ Mary Abela moghtija fis-

seduta tal-14 ta' Settembru, 2005 l-imsemmija xhud, inter alia, qalet: "Nghid illi wara xi ftit xhur ta' l-incident zewgi kien gie u hallasni ta' dan il-bieb u tani tlieta u sebghin lira u tmienja u tletin centezmu (Lm73.38c)", rigward l-ewwel akkuza, it-tieni akkuza u t-tielet akkuza tillibera lill-istess imputat Carmel Abela taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum u rigward ir-raba' akkuza tikkundanna lill-istess imputat Carmel Abela ghall-piena ta' Lm100 multa.

Inoltre, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Carmel Abela b'obbligazzjoni personali ta' Lm100 li jzomm il-kwiet ma' l-istess Mary Abela u li jzomm il-bonordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena mil-lum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Carmel Abela l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------